# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ritianne Gauci)**

**Vs**

**Rita Azzopardi**

**Kawza: Distrett Naxxar**

Illum,30 ta' April, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra **Rita Azzopardi**, 59 sena, bint George Farrugia u Rose Farrugia imwieleda Floriana fis-27 ta' Marzu 1965 u residenti 143, Springer, Triq Guze' Bonnici, Iklin akkuzata talli f' 01/08/2024 bejn 09:00 hrs u 19:00 hrs gewwa 143 A, Seville, Triq Guze' Bonnici, Iklin

1) Xhett hmieg jew porkeriji ohra fil-bibien jew taht il-hitan ta' haddiehor.
2) Minghajr hsieb li taghmel reat, dhalt fil-fond 143A, Seville, Triq Guze' Bonnici, Iklin, u liema fond huwa propjeta' ta' Ylenia Dandolo u Maria-Lourdes Dandolo, u dhalt f' dan il-fond wara li gejt imwissi minn Maria-Lourdes Dandolo li m' ghandekx tidhol jew dhalt bil-mohbi tieghu jew b' xi skuza falza jew b' qerq iehor.

Rat l-affidavit ta' PS 2001 J Xuereb pprezentat mat-tahrika tal-kawza; Semghet ix-xhieda ta' Ylenia Dandolo li ezebiet CCTV li gie muri seduta stante; ta' Maria Lourdes

Dandolo li ezebiet biljett ta' l-arju Dok A, ritratti Dok B1 sa B3 fis-seduta tal-12 ta' Novembru 2024;

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-12 ta' Novembru, 2024;

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhiedx;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-Artikoli 339(1)(m), art. 339(1)(o) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

**Affidavit ta' PS 2001 J Xuereb**. Nhar l-1 ta' Awwissu, 2024 gewwa l-Ghassa tan-Naxxar ghal habta ta' 19:30hrs Ylena Dandolo ghamlet rapport fil-konfront ta' Rita Azzopardi.

Ylenia Dandolo stqarret li Rita Azzopardi ghamlet permess ghal xi xogholijiet fid-dar taghha li beda nhar 31 ta' Lulju, 2024 sa 1 ta' Awwissu, 2024.

Hija allegat li l-haddiema gew inkarigati minn Rita Azzopardi jidhlu fil-parapett taghha, mexxew il-mejda u s-siggijiet u tefaw kartun ma' l-art u bdew jisbhu b' zebgha bajda fil-gallarija. Meta ritornat id-dar l-kwerelanta sabet il-parapett kollu trab tal-gallarija ta' Rita fejn sar ix-xoghol u l-kartun li kien hemm ma' l-art kellu fuqu zebgha bajda l-istess kulur li kienet mizbuha l-gallarija bih. Hija ma tatx permess biex jidhlu fil-parapett.

Ix-xhud ghamel kuntatt telefoniku ma Rita Azzopardi li fit-2 ta' Awwissu, 2024 giet taghti l-verzjoni taghha.

Wara li hadet parir legali minghand l-avukat ta' fiducja taghha stqarret li li kellha taghmel xi xogholijiet fil-gallarija taghha. Minhabba li hija tghix fil-maisonette ta' fuq l-appartament bla ma trid xi fdalijiet kienu ser jispiccaw fil-gallarija taghha. Minkejja dan Rita hadet hsieb li l-haddiema jnaddfu warajhom u fil-fatt hekk ghamlu. Rita sostniet li l-haddiema ghamlu anke' lozor sabiex zgur ma jhallux hmieg. Rita ziedet li l-kartun biz-zebgha imsemmi huwa ta' Ylenia u kien diga' fil-parapett.

Rita giet mistoqsija minni jekk kienitx hadet permess biex tahdem mil-parapett ta' Ylenia Dandolo u hija stqarret li l-haddiema ma kienux fil-parapett izda kienu fuq cherry picker.

**Maria Ylenia Dandolo**, xehdet fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2024.

Xehdet li meta harget mid-dar filghodu fil-gurnata tal-1 t' Awissu, 2024 l-parapett kien nadif u kollox kien postu.  Wara li ġiet lura mix-xogħol kien hemm l-affarijiet kollox gozz fuq xulxin f'ġenb, kien hemm l-art mimlija trab u skont hi għaġnu fil-parapett tagħna stess.

Id-dar ta' fuqhom hija ta' l-imputata li qed taghraf fl-awla.  Ix-xhud tghid li hi ma tat ebda' permess la lil imputata u l-anqas lil haddiema taghha biex jidhlu fil-parapett.

<u>Ix-xhud la rat lil imputata fil-parapett u l-anqas il-haddiema li rat huwa l-art tal-parapett tad-dar mimlija trab.</u> Ix-xogholijiet saru fil-gallarija ta' fuq il-parapett li jappartjeni lil imputata.

Hija marret taghmel ir-rapport ezatt kif rat il-hmieg. Ohtha kienet gewwa d-dar u ma hargitx barra u ommha kienet imsiefra. Il-filmat ezebit haditu hi u fih jihdru l-affarijiet qegħdin kollha f' gozz fil-ġenb u l-art kienet kollha bajda.

Il-parapett huwa propjeta' ta' omm ix-xhud, Maria Lourdes Dandolo.

**Maria Lourdes Dandolo** xehdet fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2024. Hija ghandha l- maisonette fis-sular ta' isfel.  Fuq il-maisonette ta' fuqha toqghod Rita Azzopardi.

Fl-1 ta' Awwissu, hija kienet imsiefra. Giet lura fit-2 ta' Awwissu u sabet l-art bajda tal-parapett u l-affarijiet mhux f' posthom.

Ir-ritratti li gew ezebiti hadithom hi meta giet lura.  Tixhed li l-affarijiet fil-parapett ma sabithomx kif halliethom hi qabel telqet.

Ikkunisdrat,

Illi l-kwistjoni hija bejn zewgt girien. Ir-rapport sar wara li l-kwerelanta ritornat lura mix-xoghol u sabiet hmieg u affarijiet imcaqqalqin fil-parapett tad-dar taghha. L-imputata kienet inkarigat sabiex isir xi manutenzjoni fil-gallarija taghha li hija fuq il-parapett. Il-kwerelanta ma kienitx prezenti tul il-jum u ma rat xejn personalment.

Ikkunsidrat,

L-imputata hija akkuzata fl-ewwel imputazzjoni li xehtet hmieg jew porkeriji ohra fil-bibien jew taht il-hitan ta' haddiehor.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali u l-prosekuzzjoni ghandha tressaq provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni sabiex tipprova l-kaz taghha u tinstab htija fil-konfront tal-imputata.

Illi l-avukat difensur tal-imputata ressaq il-punt li ma giex ipprovat li l-kwerelanta hija l-propjetarja tal-parapett. Illi l-Qorti tikkondividi li ma tresqitx prova dwar dan. Aktar minn hekk l-anqas ma giex ipprovat minghajr ombra ta' dubbju dettata mir-raguni li kienet l-imputata li halliet it-trab fil-parapett li huwa miftuh ghal elementi. Ix-xhud Maria Ylenia Dandolo li ghamlet ir-rapport  tikkonferma li ma rat xejn, ommha Maria Lourdes Dandolo kienet imsiefra bejn id-29 ta' Lulju, 2024 u 2 ta' Awwissu, 2024 (biljett tal-ajru ezebit minnha stess). Ma tressaq ebda' xhud li raha lil imputata taghmel dak li qed tigi akkuzata li ghamlet. Din l-imputazzjoni ghalhekk ma gietx ipprovata.

Ikkunsidrat,

Illi fit-tieni imputazzjoni l-imputata giet akkuzata li minghajr hsieb li taghmel reat, dhalt fil-fond 143A, Seville, Triq Guze' Bonnici, Iklin, u liema fond huwa propjeta' ta' Ylenia Dandolo u Maria-Lourdes Dandolo, dhalt f' dan il-fond wara li gejt imwissi minn Maria-Lourdes Dandolo li m' ghandekx tidhol jew dhalt bil-mohbi tieghu jew b' xi skuza falza jew b' qerq iehor.

Kif jirrizulta mir-rapport tal-pulizija l-kwerelanta kienet a konxjenza li kien hemm permess biex isiru xi xogholijiet fil-gallarija tal-imputata li tigi fuq il-parapett tal-fond 143A, Seville, Triq Guze' Bonnici, Iklin. Meta giet mitkellma mill-pulizija skont l-affidavit tal-pulziija hija stqarret li x-xoghol sar permezz ta' cherry picker u mhux minn fuq il-parapett.

Mill-atti ma jirrizulta li hemm ebda' prova li l-imputata dahlet fil-parapett ghaliex hadd ma raha xejn . Apparti minn hekk l-anqas ma tressqet prova li l-propjeta' hija taghha. Din l-imputazzjoni ghalhekk ma gietx ipprovata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 339(1)(m), art. 339(1)(o) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil **Rita Azzopardi** mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberaha minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**